Vol. 2 Awissu 1978 Num. 4

Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

# Il-Pulizija - Kommunita

L-EWWEL PARTI

Minn G.P.

LI TASAL għall-definizzjoni kemm ta' Pulizija kif ukoll ta' Kommunita' mhux xi ħaġa li tasal għaliha fi ftit kliem u hemm diversi aspetti li wieħed iħares lejhom. Li skop hu li minn ftit esperjenza nagħtu ħarsa lejn il-pożizzjoni kif ukoll lejn ir-relazzjoni bejn il-Pulizija u l-kommunita'.

### IL-PULIZIJA

F'din ir-rivista inkiteb xi ftit u qed jinkiteb dwar l-istorja tal-korp. Illum il-Korp tal-Pulizija hu stabbilit fuq sfond legalistiku. Fil-fatt fil-Kodiċi Kriminali Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-artiklu 358 et seq insibu d-doveri tal-Pulizija stabbiliti. Bl-Ordinanza tal-1961 insibu li għandu jkun hemm korp tal-Pulizija. F'din l-Ordinanza stess inkomplu nsibu minn x'hiex għandu jkun magħmul dan il-Korp u kif għandha tinżamm id-dixxiplina f'dan il-Korp. Għalhekk il-Korp flimkien ma' l-att legalistiku hemm l-att dixxiplinarju.

Biss jibqa' l-fatt li mill-att individwali l-Korp hu magħmul minn nies tad-demm u l-laħam. Dawn in-nies darba f'ħajjithom kienu ddeċidew li jingaġġaw fil-Korp biex iservu l-kommunita' li fiha jgħixu. Din id-deċiżjoni hi l-qofol tal-elementi li jagħmlu l-Korp dak li hu.

### GHALA PULIZIJA

Min daħal fil-Korp isib raġunijiet individwali għala ingaġġa. Hekk per eżempju ssib nil min kien daħal fil-Korp tal-Pulizija għax ried jagħmel karriera bħal dak li jkun irid jagħmel karriera fl-armata. Ikun hemm min ikun qies il-kapaċita' tiegħu u jsib li l-aħjar mod li jkun siewi għall-kommunita'. Fost oħrajn ikun hemm min ikun irid jiddedika ħajtu għal sezzjoni partikolari tal-Pulizija bħal per eżempju d-D.I.K., il-Fire Brigade, il-Mounted jew it-Traffic Branch. Kull individwu fil-Korp tal-Pulizija żgur li jsib raġuni valida għala jkun iddedika ruħu għal dan is-servizz.

### IL-QOFOL

Għidna li din id-deċiżjoni li wieħed jidħol Pulizija hija l-qofol. Nistaqsu 'Għaliex?' Inwieġbu li hi l-qofol għax ir-rabta ta' din id-deċiżjoni hi s-sens altruistiku. Is-sens li tiddedika l-ħajja taqdi l-ħaddieħor li wasslet lil membri tagħha jingħaqdu fil-Pulizija. Imma issa rridu naraw ukoll li d-deċiżjoni mhix xi ħaġa indipendenti imma parti ntegra ma' l-eżiġenzi tax-xogħol, taż-żmien li fih ngħixu u tal-mod li bih taġixxi l-kommunita' li tagħha l-Pulizija hu membru u anke qaddej.

### ALTRUISMU

Il-Kodiċi kriminali jgħid li fost id-doveri tal-Pulizija hemm dak li jżomm il-buon ordni u paċi pubblika. Din hi rabta ta' tlett kelmiet ma' ruxxmata ta' doveri. Hekk insibu li l-Pulizija jasal biex jgħid li aktar ma tgawdi l-kommunita' aktar ibati hu. Dan narawh fl-Istadium, fil-fest', fil-karnival, f'teatri u avvenimenti Sportivi u Kulturali. Min jaf kemm ikollu l-Pulizija jħassar l-appuntamenti tiegħu biex imur xogħol f'festa f'raħal il-bogħod minn fejn joqgħod. Insibu wkoll li jkollu jiċċaħħad minn attivitajiet kulturali, soċjali u ġie li xi avvenimenti fil-familja minħabba s-sejħa tad-dover. Imma għax hemm l-altruismu dan il-Pulizija jkollu jmur fejn jissejjaħ. U s-sejħa tas-servizz tieħdok kullimkien u tlaqqak ma' kulħadd. Jiġu l-waqtiet li fi żmenijiet bħal ma huma l-

Tkompli P.3

## EDITORJAL

### WARA L-EŻAMIJIET

MATUL dawn l-aħħar xhur kelna l-eżamijiet tas-Surġenti u ta' l-Ispetturi u r-riżultati ta' dawn, bħal dejjem, iħallu togħma ħelwa għal xi wħud u togħma morra għal oħrajn. Iżda wieħed irid jifhem li l-iskop ta' l-eżamijiet hu biex jintagħżel it-tajjeb u dan it-tajjeb għandu jitħalla f'idejn l-eżaminaturi biex jiġi ġġudikat u ħadd ma għandu jiġġudika lilu nnifsu.

Għal dawn l-eżamijiet meħtieġ ikun hemm il-preparamenti li nistgħu ngħidu li kien hemm. Dawn il-preparamenti joħolqu wkoll xi ftit tbatija u sagrifiċċji minn diversi nies anki minn dawk li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-eżamijiet.

Jekk nibdew b'dawk li resqu għall-eżamijiet insibu li dawn mhux l-ewwel darba li kellhom jattendu għall-korsijiet li saru meta kienu fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom. Kien hemm ukoll il-Pulizija sħabhom li ma kienux jattendu għal dawn il-korsijiet u ġieli kellhom jaħdmu f'ħinjiet mhux favorevoli biex sħabhom ikunu jistgħu jattendu dawn il-korsijiet.

Sagrifiċċji saru wkoll anki min-nisa u t-tfal ta' dawk li resqu għall-eżamijiet u min jaf kemm il-darba dawn in-nisa u tfal baqgħu d-dar meta soltu kienu joħorġu u ma setgħux jagħmlu dan minħabba l-istudju ta' żwieġhom.

Ma rridux ninsew ukoll lil dawk il-fizzjali li taw il-'lectures' matul dawn il-korsijiet u l-ħin li għamlu jgħallmu kellhom ipattuh billi baqgħu tard jaħdmu fl-uffiċini tagħhom.

Wara dan kollu jkun hemm min jifraħ u oħrajn li jqarrsu wiċċhom. Lil dawk li ferħu nawgurawlhom u lill-oħrajn ngħidulhom biex ma jaqtgħux qalbhom u jissoktaw bl-istudji tagħhom biex ikunu aktar preparati għal darb'oħra.

## KOPERTINA

*Il-President Gaddafi jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur li għamlet il-Pulizija quddiem il-Berġa ta' Kastilja.*

# PROTECT AGAINST FIRE AND BURGLARY WITH A CHUBB SAFE

**The famous firm of Chubb have manufactured this safe especially for the smaller office or business. The Chubb Commerce Quality Safe resists burglars and fire too. It offers strong protection against attack by explosives and drill, and is competely surrounded by Chubb fire-resisting material, tested and approved by independent authorities. For a reasonable price the security of a Chubb Safe can be yours. Come and see the Chubb Commerce Quality Safe.**

**(Possibly a Chubb Wall Safe will serve your needs. Why not come and see that too?)**




## PHILIP TOLEDO LTD

NOTABILE ROAD
MRIEHEL – MALTA
TELEPHONE: 44747–45566
CABLES: MEDIA–MALTA

Please send me your Free details about Chubb Safes

Name ______________________

Address ______________________

______________________

# FIRE FIGHTING EQUIPMENT

***To protect your assets from fire buy, today, reliable Fire Extinguishers***

**MANUFACTURED BY :-**

## THOMAS GLOVER & CO. LTD.

**Agents: J.F. Jacono & Sons Ltd.,**
**O.E.A. Building (1st Floor)**
**Testaferrata Street,**
**Msida.**

***Telephone No: 513934***

# MILL-ASSOCIATION

## X'sar fil-Caneen taghna

IL-BIDLA għal-aħjar fil-Canteen tagħna qed jaraha kulħadd. Ħafna kienu dawk li ġew isibuna u filwaqt li jawgurawlna ta' dak li diġa' għamilna komplew ħeġġuna biex inkomplu nagħtu aktar ħajja l-Mess tagħna.

Wieħed illum diġa' qed jinnota li ġibna tagħmir ġdid kemm għall-Mess kif ukoll għall-kċina. F'din ta' l-aħħar ftit kien hemm tagħmir u meta wieħed kien jiġi biex isajjar minħabba xi rinfors kien isib ħafna diffikultajiet. Għaldaqstant il-Kumitat talab lill-Kummissarju sabiex jinxtara xi tagħmir għall-użu fil-kċina. Wieħed jieħu pjaċir jinnota li mhux talli ma sibniex diffikultajiet biex ġibna dan it-tagħmir iżda sibna koperazzjoni kbira kemm mal-kapijiet tagħna kif ukoll ma' nies oħra f'dipartimenti oħra tal-Gvern u ta' dan aħna nixitequ nirringrazzjaw lil kulħadd.

Għall-ewwel darba l-ikel li ngħata lill-Pulizija waqt ir-rinforsi tax-xahar ta' Ġunju tħejja taħt il-ħarsien ta' l-Association. Kien hemm ħin meta l-ikel kellu jitħejja fl-anqas ħin possibbli u għalhekk wieħed ma stenniex id-dundjani. Iżda meta kien hemm żmien sewwa jidhrilna li kulħadd kiel sewwa. Ippruvajna wkoll għall-ewwel darba narmaw l-imwejjed u min ra din ix-xena stħajjel li kien ġo xi restaurant. Iżda jew minħabba l-għajja jew ħaġ'oħra, dan ma rnexxiex.

## Nitolbu l-koperazzjoni

Nitolbukom biex fil-Mess tagħkom iżżommu kemm tistgħu l-indafa u ma toħorġux tazzi jew kikkri barra mill-Mess. Dawk li jieħdu l-fliexken barra mill-Mess huma mitluba jirritornawhom.

## Il-Fenkata tal-Buskett

Din is-sena, għalkemm bi preparamenti qosra saret issoltu fenkata fil-Buskett għall-membri tal-Korp. Ftit huma dawk li jafu li ssir din il-fenkata, iżda għalkemm l-attendenza ma kinitx kbira ħafna, il-Mess għamel ukoll xi profitti.

## Attivita' fil-Mess

Dan is-sajf bi ħsiebna nagħmlu xi attivita' fil-Mess bħal xi 'Dinner Dance' jew xi 'Wine and Pizza Party'. Nisperaw li meta nagħmlu xi ħaġa jkollna konkorrenza tajba.

---

Miżied li tisma' lill-Pulizija jgħid 'kieku kont mal-familja...' jew 'Kieku kien hawn il-familja tiegħi ukoll''. Dawn huma ċirkostanzi għax huma fatti tal-ħajja. Dawn huma ċirkostanzi li jrid jgħaddi minnhom il-Pulizija. La darba jgħaddi minnhom nistħajjel li min qed jaqra jgħid dan veru. Nasal biex naħseb ukoll li ser ikun hemm min jgħid u jistaqsi 'Allura mhux iebsa din il-ħajja?' It-tweġiba hi li l-ħajja nżul u tlajja.

✦ *NŻUL ... ... ... ... ... ...*

Jiġu l-mumenti li l-Pulizija li hu tad-demm u l-laħam jara nniżla. Iħoss iċ-ċaħda u s-sagrifiċċju. U nafu li min daq dawn l-affarijiet qatt ma reġa' ffronta sidru għalihom, anzi jekk ma wasalx biex evithom. Jiġu l-mumenti meta bil-lejl fuq xogħol il-Pulizija jirrifletti u jara lil min ikun f'night club jiddeverti, u aktar tard mal-lejl waqt li ħaddieħor ikun rieqed u tirrenja l-ħemda fuq il-kommunita' il-Pulizija jara li waħdu għadu mqajjem jaqdi d-doveri tiegħu. Imma sakemm dawn huma l-fatti tal-ħajja u sakemm ngħaddu minnhom ma hemmx minn x'hiex wieħed jistħi jew jibża' jiftaħ qalbu u jgħid xi jkun iħoss. Fil-Korp il-Pulizija jiddixxiplina lilu nnifsu u dawn il-fatti jaċċettahom.

✦ *TLAJJA*

Il-morr tal-ħajja qatt ma ġie waħdu, u bħal ma l-Pulizija jduq il-morr iduq ukoll il-ħlewwa. Isib drabi fil-ħajja tiegħu li wara jiem ta' ħidma jiskopri sensiela ta' serq. Jew isib li bil-ħila tiegħu jiġi solvut każ jew evitat xi delitt. F'dawn iċ-ċirkostanzi jibda jħoss is-sodisfazzjon tiegħu u jara li l-ħajja nżul u tlajja. Mhux għax ma ġiex li jkun hemm sagrifiċċju biex il-Pulizija jduq il-ħelu imma fil-mertu tiegħu dan ma jfixkilx is-sodisfazzjon tax-xogħol. Dan is-sodisfazzjon iqanqal fil-pulizija dak is-sens ta' altruiżmu li darba kien wasslu biex jidħol fil-Korp. Hekk fil-ħajja tiegħu, il-Pulizija jiltaqa' mat-tlajja. Mhix l-ewwel darba li membri tal-Korp ġew kommendati mill-Kummissarju, mill-Qrati, minn prosekuturi Pubbliċi għal mod li bih ħadmu x-xogħol tagħhom. Forsi avveniment bħal dan ma jġibx il-ħlewwa li tneħħi togħmiet oħra?

✦ *IRONIJA*

Veru li biex jasal għall-ħlewwiet tal-ħajja, il-Pulizija jkun strument biex forsi dak jew l-ieħor iduqu l-morr tal-ħajja. Ikollu jkun il-Pulizija li jiġbor il-provi biex iwasslu għal każ. Kif jaqdi dmiru skond il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Pulizija jiġbor il-provi u jħarrek xi individwu. Dan fl-aħħar jispiċċa l-Qorti u hemm jew jeħel pieni pekunarji jew pieni karċerarji. Tara l-uċuħ jesprimu s-sentiment u l-effett li jħallu ġudizzji tal-Qorti. Dan jarah il-Pulizija ukoll. Imma fl-aħħar mill-aħħar mhux l-obbligu ta' kull membru tal-kommunita' hu obbligat li jħares il-liġi biex ma jasalx biex iduq il-konsegwenzi ta' ksur ta' Liġi.

✦ *KULL QALB TGĦID 'AJMA'*

Hekk mela rajna kif xi darba jew oħra il-Pulizija u n-nies tal-kommunita' li magħha jgħix u jaħdem irid jgħid 'ajma'. Biss met l-qalb titkellem issib widen. Għalhekk jiġri li anke meta n-nies tgħid 'ajma' issib li l-Pulizija għandu s-sabar jisma' u jagħrbel kif itaffi dik l-'ajma'. Mhix l-ewwel darba li jkun Pulizija li jwassal aħbar ħażina ta' mewt u dak li jkun iħossu ħażin, isir il-biki u l-qsim il-qalb. U jkun l-istess Pulizija li jwassal l-aħbar li jdur ma' dak li jkun u jgħinu fil-mument hekk pjetuż. Insibu diversi każi simili fejn f'inċidenti tat-traffiku l-pulizija jkun minn tal-ewwel li jwassal lil dak li jkun lejn l-isptar. Biex telenka ċ-ċirkostanzi kollha trid volum sħiħ għax kull jum fil-ħajja tal-Pulizija jġib esperjenzi ġodda. Għalkemm mela l-qalb titkellem insibu wkoll li anke meta tgħid 'ajma' ma ċċajparx il-vista la tal-Pulizija u lanqas tal-kommunita' li tgħix mal-pulizija.


Eagle Star
fully covers these risks
There is always that risk that your house can be burgled! Your jewellery stolen! Your baggage lost while travelling! Business premises can be burgled or catch fire! Your car can be stolen! You can be injured! And many others. Let Eagle Star offer you security and peace of mind.
General agents for Eagle Star since 1907.
Thos. C. Smith & Co. Ltd.
(Est 1848)
12 St.Christopher Str
Valletta.
Tel 625685,
625071,
28180.

# It-Telekomunikazzjonijiet u l-Pulizija

Minn Joseph Bartolo

FIS-SOĊJETA' li qed ngħixu fiha llum, bla dubju ta' xejn wieħed jinnota, fost affarijiet oħra, żieda fin-numru ta' delitti u kwantita' ta' serq, drogi, ksur ta' l-ordni soċjali bla ebda skruplu u kull xorta ta' abbuż ieħor. Illum saret qisu mhu xejn li wieħed jagħti daqqa ta' sikkina jew li joħroġ xi arma tan-nar u jispara biha fuq bniedem ieħor qisu spara fuq tajra.

Aktar ma nirriflettu fuq din is-sitwazzjoni aktar insiru konxji tal-ħtieġa tal-Pulizija u nifhmu kemm huwa mportanti li l-Pulizija tkun preżenti kullimkien f'kull ħin u waqt. Din hija sitwazzjoni ideali, imma fil-prattika, dan jista' jsir? Ma naħsibx li trid taħseb ħafna biex tasal għall-konklużjoni li biex il-Pulizija tkun fiżikalment preżenti kullimkien, il-ħin kollu, huwa verament diffiċli jekk mhux impossibbli.

Allura wieħed jistaqsi: Mela x'qiegħed isir biex dan il-vojt jimtela'? X'mezzi qed jintużaw li jissostitwixxu l-Pulizija fejn din ma tistax tkun preżenti l-ħin kollu?

Fid-dinja moderna tal-lum ċertament wieħed jasal biex jifhem li hemm numru ta' mezzi li jagħmlu tajjeb fejn l-element uman ma jlaħħaqx. Jekk nirriflettu ftit fuq l-iżvilupp enormi fis-settur tat-teknoloġija li rat id-dinja f'dawn l-aħħar snin u fuq kif dan l-iżvilupp wassal biex ġew introdotti sistemi u mezzi oħrajn li ssostitwixxu f'ħafna każi l-element uman, malajr nifhmu kif din id-diffikulta' qed tiġi megħluba, jiġifieri, kif il-vojt ikkrejat minn nuqqas tal-preżenza tal-Pulizija qed jiġi mimli.

Wieħed mill-mezzi l-aktar effiċjenti u siguri huwa bla dubju ta' xejn ir-radju. Fejn hemm il-ħtieġa ta' kuntatt dirett u fil-pront, ir-radju jsolvi kull problema. Kien żmien ilu meta l-Pulizija f'Malta ħasset il-ħtieġa li tagħmel użu minn xi sistema ta' telekomunikazzjoni biex b'hekk, għalkemm mhux fiżikalment, tkun tista' tkun kullimkien fl-inqas ħin possibbli.

Għal dan il-għan il-Pulizija kienet waqqfet sistema tar-radju bejn il-vetturi u l-Istazzjon Ewlieni fil-Furjana. Tajba





jew ħażina, l-ewwel sistema kienet ta' għajnuna għall-Pulizija. Għall-inqas wieħed seta' jserraħ rasu li f'każ ta' emerġenza, il-Pulizija kienet fi stat li tiġi mmobilizzata u fi ftit ħin setgħet tkun fuq il-post tal-emerġenza. Maż-żmien il-Korp tal-Pulizija kiber u miegħu kibru wkoll ir-responsabilitajiet fin-numru u fil-kwalita'. Dawn ir-responsabilitajiet ġodda ġabu magħhom tibdil kbir u konsegwentament beda jinħass il-bżonn għall-espansjoni tas-sistema tar-radju biex din tkun tista' tlaħħaq mal-ħtiġijiet tal-mument u taħseb ukoll għall-futur.

Il-lum nistgħu ngħidu mingħajr biżgħa ta' kontradizzjoni li pajjiż, żgħir kemm hu żgħir, ma jistax ikollu Korp tal-Pulizija effiċjenti jekk ma jkollux sistema ta' telekomunikazzjoni tajba. U hawnhekk, wieħed jistaqsi: X'nifhmu b'sistema ta' telekomunikazzjoni tajba? Nibda biex ngħid li għalkemm hemm ħafna sistemi, waħda aħjar mill-oħra, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li kull sistema, hi kif inhi, tkun tajba daqs kemm iżżommha u tħaddimha tajjeb. Nagħti eżempju mill-aktar sempliċi. Wieħed ikollu mqass tax-xagħar u jużah biex jaqta' l-landa. Mingħajr ma nidħlu fil-mertu ta' kemm irnexxilu jaqta' l-landa jew le, nistgħu nikkonkludu li dan l-imqass ġie wżat ħażin u b'konsegwenza ta' hekk l-imqass ma baqax tajjeb biex jaqta' x-xagħar.

B'dan l-eżempju rrid nuri li mhux biżżejjed li jkollna sistema ta' telekomunikazzjoni tajba, jekk għal xi raġuni jew oħra nużawha bħalma dik il-persuna wżat l-imqass. B'dan irrid infisser li ikun kollu għal xejn li nilmentaw dwar li s-sistema mhix tajba, mhix effiċjenti eċċ., jekk inkunu aħna stess li nużawha ħażin għaliex kif tista' tippretendi riżultat tajjeb minn xogħol ħażin.

Fuq dan il-punt inħoss iddmir li niġbed l-attenzjoni ta' kull min għandu x'jaqsam mat-tħaddim tas-sistema tar-radju, partikolarment ta' dawk li jħaddmu l-istazzjonijiet mobbli, dwar l-osservanza tar-regolamenti u proċedura fl-użu tas-sistema tar-radju. Wieħed jiddispjaċih jinnota li għad hemm min ma fehemx l-importanza tal-proċedura fl-użu tar-radju u li b'konsegwenza ta' hekk jista' jkun hemm waqtiet meta s-sistema ma tagħtix ir-riżultati mistennija. Bi ftit nuqqas, b'daqsxejn traskuraġni, l-effiċjenza tas-sistema tonqos u tista' wkoll f'ċertu sens tispiċċa fix-xejn.

Is-sistema tat-telekomunikazzjoni tal-Pulizija għandna nħarsu lejha bħala wieħed mill-aktar mezzi effettivi li qegħdin hemm biex jaqdu lill-Pulizija fi kwalunkwe neċessita' u emerġenza u biex il-poplu jkun jista' jserraħ rasu li f'kull sitwazzjoni fejn il-preżenza tal-Pulizija tkun meħtieġa, din tkun tista' tiġi msejħa mingħajr dewmien. Jiena dan qiegħed ngħidu mhux għax għandi xi dubju li xi ħadd qiegħed juża l-apparat ħażin, iżda għax naf li bi ftit aktar attenzjoni, bi ftit aktar volonta' tajba nistgħu nżidu l-effiċjenza tas-sistema tar-radju għall-benefiċċju kemm tal-Pulizija kif ukoll taċ-ċittadini.

**TKOMPLI**

# The Trade Leader in the 80s

with a name for reliability and quality

# MUSCATS GENERAL STORES LTD.

Malta's leading importers of **refrigerators, washing machines, cookers, food mixers, televisions and sportswear.**

Leading specialists in refrigeration and heating, kitchen catering equipment for Hotels, Restaurants and Bars—Laundry Machinery & Equipment.

MGS MUSCATS GENERAL STORES LTD

15-16 REPUBLIC STREET, VALLETTA
Tel: 626242 – 28228

***Over 150 years of Trading in Malta.***

# DELINKWENTI JEW MIDINBA

Minn MONS. CARMELO XUEREB

Hi ħaġa sintomatika li l-kbar ta' kull żmien dejjem juru tħasib għall-imġieba ħażina taż-żgħażagħ. **Ħaġa kurjuża: il-kbar jinsew il-perijodu ta' żgħożit-hom malajr wisq u erħilhom dejjem jixxukkjaw irwieħhom bil-mewġa tal-korruzzjoni u tad-de.inkwenza li jaraw taħ-kem il-ġenerazzjoni li tiela'.**

Iżda hu fenomenu li ħadd ma jista' jiċħdu li fost sezzjoni miż-żgħażagħ tal-lum id-delitti, is-serq u l-korruzzjoni qegħdin jieħdu għamla ta' epidemja l-aktar serja. Is-sitwazzjoni li qegħdin naraw tinbet madwarna għandha, mhux biss tixxokkja iżda anki, tallarma u tbeżża' lil kull min hu moħħu f'postu. Ma tgħaddix ġimgħa li l-gazzetti lokali ma jsemmux għadd ta' serqiet kbar u każi ta' korruzzjoni ta' minorenni. Il-qagħda sejra dejjem aktar għall-agħar u dil-kondizzjoni qiegħda tieħu proporzjonijiet mill-aktar gravi u mwegħra.

Harison Salisbury, awtur tal-ktieb 'The shock-up generation' u korrispondent tan-New York Times, għadu kif stqarr **li d-delinkwenza qiegħda tiżdied mhux għaliex ma nafux kif noħonquha iżda għaliex qegħdin nabbandunaw il-mezzi li huma verament effikaċi fit-twettiq ta' din il-ħidma.**

L-iżball li qiegħed isir hu li kemm fil-qrati kif fost l-edukaturi qiegħda tinbet il-mentalita' li d-delinkwent u kull min jiż-balja hu, fil-ħafna tal-każi, bniedem anormali, psikopatiku jew skiżofreniku. Din il-mentalita' qiegħda tikkondizzjona lil min għandu f'idejh it-tmexxija taż-żgħażagħ biex f'dawk li jiżbal-jaw jara marid li għandek tik-kompatih u tgħaddihielu lixxa, mhux krejatura mogħnija b'vo-lonta' kapaċi ta' riforma u tiġ-dida radikali.

## IL-KTIEB TA' MARK ORAISON

Il-problema qiegħda ssir dejjem aktar serja għar-raġuni li anki fil-knisja qegħdin jinbtu wħud li qegħdin jaraw l-affarijiet b'din il-lenti li xejn ma taqbel mal-filosofija kattolika mħarsa mal-medda ta' sekoli twal.

Dan l-aħħar ħarġet ristampa tal-ktieb ta' Abbe Marc Oraison li jismu "Vie Chretienne et problemes de la sexualite' — Il-ħajja nisranija u l-problema tas-sesswalita'." L-awtur ta' dal-ktieb hu bniedem żelanti u għaref. Oraison hu anki tabib u psikjatra. F'dan il-ktieb, l-awtur jipprova jsib soluzzjoni għal kriżi sesswali tal-kuxjenza nisranija b'tiġbid esaġerat bejn malizzja oġġettiva u responsabbilta' soġġettiva.

Skond it-teorija ta' Oraison, kważi l-bnedmin kollha huma tant sesswalment immaturi u tant maħkuma mill-passjonijiet li fil-prattika wieħed għandu jaħseb li d-dnubiet sesswali huma gravi materjalment biss. Skond dat-tagħlim persuna li tagħmel dnubiet sesswali, soġ-ġettivament, mhix ħatja ta' dnub gravi. Għaliex, fil-fehma ta' Oraison, il-volonta' hi tant maħ.uma minn forzi moħbija u nkonxji, li jinsabu fil-bniedem, li dan isib ruħu prattikament imċaħħad mis-setgħa li jaħ-kem l-għemil sesswalment ħa-żin. Oraison mexa bl-idea, fondalment żbaljata, meħuda minn Freud, li fid-dinja li illużjoni li titkellem dwar bniedem normali. Għalhekk l-impur, l-omosesswali, il-prostituta, l-adulteru, għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-vittmi ta' patoloġija sesswali. Għemilhom ma hu qat delitt.

**Il-Knisja dejjem ikkundannat din it-teorija u dejjem insistiet li fil-bniedem ma humiex il-forzi ħżiena moħbija li għandhom l-aħħar kelma: Il-bniedem hu mżejjen b'ruħ li għandha rieda libera u hi din il-volonta' libera li tifforma l-forza fondamentali li tiggverna kull attivita' umana.**

Li wħud, li nixluhom b'qalb korrotta, ma huma korrotti xejn iżda morda hi ħaġa li ħadd ma jiċħadha; iżda ma niġġeneralizzawx iżżejjed. Li wieħed iqis lil kulħadd bħala marid ma jagħ-mel xejn unur lill-bniedem. Il-bniedem jiswa aktar milli wieħed jista' qatt jaħseb, basta jiġi edukat u mrawwem fl-iskola taċ-ċaħda siewja li jsaħħaħ il-volonta'.

## EDUKAZZJONI AĦJAR

**Jekk, f'moħħ iż-żgħażagħ, inħallu tidħol l-idea li huma ma jistgħu qatt jikkontrollaw ruħhom inkunu qegħdin nagħmlu, kemm lilhom kif lis-soċjeta', servizz mill-agħar u nsiru responsabbli tal-konsegwenzi koroh li jsewsu s-sinsla ta' pajjiżna.**

L-imħallef Peter Farell ta' Queens Country Court ta' New York qal: "The philosophy of responsibility is being replaced by the philosophy of excuse — il-filosofija tar-responsabbilta' qiegħda tiġi mwarrba u minflokha qiegħda tidħol il-filosofija ta' l-iskuża". Din il-filosofija sejra tispiċċa biex tgħawwar ir-responsabbiltajiet morali, legali u soċjali li fuqhom tinsab mibnija l-istabilita' tal-kultura nisranija ta' pajjiżna.

**Hemm bżonn li nibdew middar u mill-iskola. It-teorija tal-kastig warrabnieha wisq. Jiena kontra, għal kollox, ċerti kastigi bla sens, mogħtija fir-rabja u forsi anki b'vendetta. Iżda min jista' ma jikkundannax is-sitwazzjoni li qiegħda tinħoloq fejn kemm ġenituri kif għal.iema naqashom kull mezz biex iżommu l-ordni meħtieġ?** Innota tajjeb il-president ta' waħda mit-Teachers Associations ta' Sydney, Emil Tron: "Fl-iskejjel — qal Tron — **qiegħed jitwettaq dal-fenomenu: l-għalliema jibżgħu jikkoreġu lit-tfal li ma jmorrux jaqalgħu xi ċamata mis-surmast il-kbir, is-surmast jibża' mill-inspector, l-inspector jibża' mill-ġenituri u l-ġenituri jibżgħu mit-tfal".** Tron jispiċċa jgħid **"The kids, only they, are afraid of nobody** — huma t-tfal biss li ma jibżgħu minn ħadd."

Il-kundizzjoni mhix ħafna differenti f'pajjiżna. Hemm bżonn niftħu għajnejna jekk ma rridux nibnu s-sisien tas-soċjeta' ta' delinkwenti, imfarrka mid-diżordni u mill-anarkija.

Inżommuha f'rasna: Fost id-delinkwenti li għandna madwarna ftit huma dawk li għandhom jiġu kkunsidrati bħala morda inkurabbli, tajbin biss għal manikomju. L-għadd il-kbir huma nies li għandhom f'qalbhom in-nibbieta ta' kull virtu' qaddisa. **Dak li tonqoshom hi edukazzjoni aħjar, mibnija fuq il-prinċipji fondamentali ta' l-imħabba u tal-korrezzjoni.**

TAKE YOUR INSURANCE PROBLEMS TO

# THE MAN FROM THE PRUDENTIAL



For many years the man from the prudential in Malta has given expert professional advice on all types of insurance. To learn more about the company's policies complete and post the coupon below.

**THE PRUDENTIAL**

**ASSURANCE**

**COMPANY LIMITED**

HOLBORN BARS, LONDON
ASSETS EXCEED £5000,000,000
The Company that everyone knows and trusts

To the Prudential Assurance Company Ltd.,
Malta Branch Office: 225, Merchants Street, Valetta.
Tel: 22986-28021

Please send me information on your policies.
I am interested in the Insurance marked ×

**PERSONAL**

| | | | |
|---|---|---|---|
| LIFE ASSURANCE | [ ] | FIRE | [ ] |
| MORTGAGE PROTECTION | [ ] | HOUSEHOLDERS | [ ] |
| STAFF PENSION SCHEME | [ ] | MOTOR | [ ] |

Any other risks not mentioned above ........................................

NAME ....................................................

ADDRESS ..............................................

..............................

## ĦATRIET ĠODDA FIL-KORP

MATUL ix-xahar ta' Ġunju kien hemm ħatriet ġodda fir-rank tas-Surġenti u tas-Surġenti-Maġġuri. Meta kienu qed jitħejjew dawn il-kelmtejn kien ħareġ ir-riżultat ta' l-ispettur, iżda dwar dan nitkellmu aktar tard.

Fil-15 ta' Ġunju nħatru 23 Surġent wara li sar eżami għall-Kuntistabblijiet li għandhom aktar minn 10 snin servizz.

Fid-19 ta' Ġunju, 1978 inħatru disa' Surġenti-Maġġuri tat-tieni klassi u Surġent-Maġġur ta' l-ewwel klassi jew kif insibuh R.S.M.

Għall-ewwel darba l-Kummissarju qassam l-insignia lill-membri tal-Korp, ġest sabiħ u j'Alla jibqa'.

L-R.S.M. il-ġdid huwa Ronnie Borg li għal dawn l-aħħar xhur kien actnig I/S.M. Il-Maġġur Borg daħal fil-Pulizija f'Jannar al-1947 meta kellu 17-il sena. Bħala Kuntistabbli huwa serva fis-segreterija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fl-uffiċċju tal-Kondotti fid-D u l-G Division.



*Il-Kummissarju u s-Suprintendent J.M. Borg mas-Surġenti-Maġġuri u s-Surġenti l-ġodda.*

Fl-1953 laħaq Surġent u bħala surġent serva fil-G, H, il-Water, is-CID u l-HQ fit-training school. Minn dan il-post ta' l-aħħar huwa laħaq Surġent-Maġġur tat-tieni klassi u wara xi żmien fil-HQ ħadem il-Ħamrun, Tas-Sliema, il-Belt u l-M.T. Section. Il-Maġġur Borg huwa miżżewweġ u għandu żewġt itfal u għandu d-delizzju tal-kaċċa, liema delizzju ma tantx għandu ħin għalih. Minn din il-kolonna nawguraw lill-Maġġur ta' għajta kbira u qalb tajba. Nawguraw ukoll lil oħrajn.

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom. Għatihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

Il-kontribuzzjonijiet tal-MHA tax-xahar ta' Awissu kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Surġent Nru. 900 Joseph Spiteri



u Ex-Kuntistabbli Nru. 240 Carmel Tabone.

## APPRECIATION

This letter was sent to Police Sergeant No. 488 A. Zammit by H.E. The Ambassador of Iraq to Libya and Malta Sabah Al Horany on 6.7.78:

*Dear Sergeant,*

*Having returned to my duty in Tripoli, I wish to convey to you and your colleagues on behalf of my wife and myself, our profound thanks and deepest appreciation for the successful efforts you made to locate my lost child last week.*

*You and your colleagues have set an example for the conscientious and efficient security man of whom Malta should be extremely proud.*

*Your success has added much to my good impression of the Maltese people to whom I feel honoured to represent my country.*

# IL-KULLIZJONIJIET

MINN H.W. HARRISON

TA' MIN qabel xejn jagħmilha ċara li s-sistema ta' kejl li se titfisser mhix l-unika sistema li wieħed jista' juża, għaldaqstant m'hemmx għalfejn wieħed jaqleb għal din is-sistema kemm-il darba b'sistemi oħra wżati minnu jasal għall-istess riżultati. Iżda kif se taraw f'din is-sistema, ikollok riżultati tajbin ħafna mingħajr telf ta' ħin u coda xkiel u kull ma hu meħtieġ huwa tagħmir żgħir.

## Kif tkejjel — Tagħmir

Biex tieħu l-kejl ta' kulliżjoni u tagħmel pjanta tagħha jrid ikollok, naturalment barra minn biex tikteb:

1. Ir-rutella tal-kejl;
2. Ġibs biex timmarka l-art;
3. Karti fuq 'clip-board'.

B'dan it-tagħmir biss tista' tagħmel pjanti tajbin għaliex wara kollox huwa kif tuża t-tagħmir li huwa mportanti.

## Marki li jindikaw

Huwa ferm importanti li wieħed jifhem li biex tindika l-post ta' vettura jew marki tat-tyres, mhux biżżejjed li jkollok marka waħda. Hekk ngħidu aħna tindika marka waħda biss in-naħa tax-xellug ta' quddiem ta' vettura (kif jidher Fig. 1—1) il-marka tax-xellug tan-naħa ta' wara tista' tkun f'kull direzzjoni (North - South - East - West). Għaldaqstant b'marka waħda tkun qiegħed tindika parti waħda biss tal-vettura.

## Fig. 1—1

Għad li kif intqal qabel ma għandniex nagħmlu marka waħda, madankollu, din tista' tintuża biex tistabbilixxi:

a) partijiet tal-vettura bħal ma huma roti jew aċċessorji oħra li setgħu nqalgħu.
b) ħsara fuq xi siġar, bini jew sinjali tat-traffiku.
c) postijiet żgħar fejn ikun hemm xi materjal (skart) bħal ma hu ħġieġ, eċċ.
d) Il-ġisem ta' xi persuna li tkun involuta f'inċident. (l-marka tindika n-nofs tal-persuna.) ara (fig. 1—3 u 1—4).



Fig: 1-1

żewġ marki għandhom jintużaw għal:

a) vetturi.
b) Sinjali dritti ta' brakes (marka fil-bidu u oħra fit-tmiem).
c) postiiet kbar ta' skart jew materjal (kultant ikun meħtieġ ta' tliet marki jew aktar biex tindika postijiet bħal dawn.

Kemm il-darba jkun meħtieġ li jsir aktar minn marka waħda biex tindika xi post bħal ngħidu aħna xi spazju kbir ta' materjal li se nindikawha bl-ittra "D", allura l-ħames marki matul id-dawra nsejħulhom D1, D2, D3, D4, D5 kif jidher fil-Fig. 1—2.

Meta wieħed jiddeċiedi x'marki se jagħmel u dawn għandu jagħmilhom bil-ġibs, għandu qabel xejn jara x'se juża bħala 'rabta'. X'inhi r-rabta? Ir-rabta għandha tkun oġġett permanenti fil-qrib bħal ma huma kantunieri, xi bieb ta' dar jew sinjali *imwaħħlin* tat-traffiku. Dan huwa ferm importanti għar-raġuni li



Fig: 1-2

mingħajrhom ma ssir l-ebda pianta tajba. Wieħed ukoll irid jifhem li jista' jsir aċċess fuq il-post ta' l-inċidenti wara li tkun saret il-pjanta u meta l-vetturi jkunu tneħħew. Jista' wkoll jagħti l-każ li min ikun qħamel il-kejl u l-pjanta ma jkunx preżenti waqt dan l-aċċess. Għaldaqstant qiegħed għal darb'oħra nagħmel emfasi li ma ssir l-ebda rabta ma' oġġetti bħal ma huma tabelli li jistgħu jitneħħew jew tbajja ta' demm, eċċ.

Hemm żewġ metodi ta' kif wieħed jista' jagħmel il-marki li jindikaw l-oġġetti, jiġifieri (1) Coordinates (Fig. 1—3) u (2) Triangulation (Fig. 1—4). F'din il-ħarġa se ngħidu xi ħaġa dwar il-Coordinates.

Din is-sistema hija aktar faċli u miftehma għar-raġuni li ma jinħtieġx lanqas il-kumpass biex tagħmel il-pjanta. Barra minn dan mhix ikkumplikata bħas-sistema l-oħra, dik tat-Triangulation li niġu għaliha 'l quddiem.



Fig: 1-3

Fig: 1-4

# MALTA POLICE ORDINANCE PART 6

25. (1) No person who is not a police officer shall be allowed access to a room in which voting is taking place. Every member of the Force present shall maintain and aid in maintaining the secrecy of the voting, and shall in no way whatsoever interfere with a voter when marking his vote, or otherwise attempt to obtain in the place of voting information as to the candidate for whom any voter in the polling station is about to vote or has voted.

(2) Every person in attendance at the counting of the votes shall maintain and aid in maintaining the secrecy of the voting and shall not communicate any information obtained at such counting as to the candidate for whom any vote is given in any particular ballot paper.

(3) No person shall directly or indirectly induce any voter to display his ballot paper after he shall have marked the same so as to make known to any person the name of any candidate for or against whom he has marked his vote.

(4) No voter shall display his marked ballot paper.

(5) No voter shall personate another voter, or vote more than once in any election, nor shall any member of the Force aid or abet him to do so.

(6) No member of the Force of any rank shall, either directly or through any other person, influence or attempt to influence any elector of lower rank to vote for or against any candidate or candidates.

26. At any election each elector may give one vote and no more for each of any number of candidates not exceeding the number to be elected.

27. Subject to the provisions of this Schedule, each Branch Board may make regulations as to the filling of vacancies occurring during its life among the members of the Board and of the delegates to the Central Conference returned by the Board, and each Central Conference may make regulations as to the filling of vacancies occurring among the members of its Central Committee during the life of the said Central Committee.

POLICE COUNCILS

28. (1) The Prime Minister or the Commissioner may arrange for the holding of Police Councils, under the chairmanship of the Commissioner, for the consideration of general questions affecting the Force.

(2) At such Councils the Joint Representative Committee or a deputation from that Committee may be invited to meet the Commissioner and such officers not below the rank of Superintendent as the Prime Minister or the Commissioner, as the case may be, shall decide.

OFFICERS AND MEETINGS

29. Each Branch Board, Central Conference, and Central Committee shall choose its chairman and secretary from among its own members.

30. The chairman at any meeting shall only have a first or original vote.

31. Branch Boards may hold four quarterly meetings (including the annual meeting), each lasting not more than one day, but additional meetings for any special purpose may be held with the consent of the Commissioner.

32. The annual meetings of the Central Conference shall not last more than two days, but additional meetings for any special purposes may be held with the consent of the Commissioner.

33. Each Central Committee may hold meetings not more than once in two months, each meeting lasting not more than one day, but additional meetings for special purposes may be held with the consent of the Commissioner.

34. Subject to the provisions of this Schedule, every Branch Board, Central Conference or Central Committee may regulate its own procedure.

35. Every elected organ of the Malta Police Association shall assume office immediately upon election.

36. In the event of insufficient candidates being nominated or being elected to any Branch Board, Central Conference or Central Committee, the Commissioner may select members of the Force of the corresponding rank, or, as the case may be, Unit, to make up the composition of such Board, Conference or Committee in accordance with the provisions of these regulations.

37. Except where, in special circumstances, a member of the Force is required for duty for which no substitute is available, leave shall be given for attendance at all meetings held in accordance with this Schedule, and every such attendance shall, as regards allowances and expenses, be deemed to be an occasion of police duty.

38. No person who has ceased to be a member of the Force shall continue to be a member of the Association or to hold office on a Board, Committee or Conference of the Association.

## Il-Kejl

Il-pjanta (Fig. 1—5) turi l-aħħar pożizzjoni tal-vetturi wara inċident tat-traffiku. Il-kejl ta' 1, 2, 3 u 4 meħudin dritti minn taħt il-ħajt jew taħt il-bankina għal mal-ġenb ta' quddiem u dak ta' wara tal-vetturi huma bżżejjed biex jagħtuna l-pożizzjoni tal-vetturi fit-triq. Il-kejl l-ieħor 5, 6, 7 u 8 meħudin bid-dritt it-triq (parallel) mill-kantuniera (RPI — ir-rabta) jorbot il-marki l-oħra kollha. Fl-aħħar-nett wieħed għandu jieħu l-wisa' tal-vetturi u tat-triq.

Kif intqal qabel is-sistema tat-Trianqulation tiġi spjegata f'xi ħarġ'oħra.




COORDINATE MEASUREMENTS

FIG: 1-5




# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates.

When planning for your holiday in the most economical and practical way, use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.

WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.

SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# L-aħħar tislima lill-Kuntistabli Long

FID-9 ta' Lulju 1978 il-Pulizija tat l-aħħar tislima lill-Kuntistabbli L. Long waqt funeral famiijari u Puiizjesk li ilna ħafna ma naraw bħalu.

Long, figura simpatika u attrajenti, miet fid-dar tiegħu nhar is-Sibt 8 ta' Lulju, 1978 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs inhar fl-eta' żgħira ta' 31 sena. Long kien daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Settembru tal-1966 u matul dawn l-aħħar tnax-il sena huwa serva fid-Distrett tal-Kottonera u fit-Traffic Department (On foot). Long kien miżżewweġ u kellu żewġt it-tfal.

Il-funeral ta' Long sar fit-3 p.m. mid-dar tiegħu Raħal il-Ġdid għaċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u għall-ewwel darba rajna skwadra ta' muturi tal-Pulizija tat-Traffiku jiskortaw il-kadavru mid-dar saċ-ċimiterju.

Għall-quddiesa 'presente cadavere' li saret fil-Kappella taċ-ċimiterju, attendew il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' diriġenti oħra tal-Korp, fizzjali u numru sabiħ ta' pulizija stazzjonati fit-Traffic kif ukoll membri oħra tal-Korp. Il-Quddiesa tqaddset mill-Viċi Parrokku ta' Raħal Ġdid, Dun Mario Agius u l-Kappillan tal-Pulizija, Dun Fortunat Cachia.



Il-kadavru quddiem il-monument

Wara l-Quddiesa, il-kadavru merfuħ mill-Pulizija tat-Traffiku, ittieħed fuq l-oqbra tal-Pulizija f'ċerimonja para militari fejn kontinġent ta' Pulizija mexa quddiem. Il-kadavru għall-ewwel darba tpoġġa quddiem il-monument ta' l-istess oqbra u wara li tneħħiet il-bandiera tal-Pulizija li kienet tgħatti t-tebut, saret il-funzjoni reliġjuża mill-imsemmija membri tal-kleru kif ukoll mill-Kappillan taċ-ċimiterju Patri Giacchino Mercieca, Kappuċċin. Wara l-kadavru tbierek minn dawn it-tlett saċerdoti u għall-ewwel darba rajna l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi mistieden ibierek huwa wkoll l-kadavru. Dan kien safejn ħadet sehem il-Pulizija għaliex għad-dfin baqgħu biss il-membri tal-familja u ħbieb.

Nieħdu din l-okkażjoni biex nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil mart Long u lil uliedu, il-ġenituri u qrabatu.



Pulizija tat-Traffiku jiskortaw il-kadavru

## APPREZZAMENT

Din l-ittra intbagħtet minn James Long, missier Lawrence, lill-Kummissarju tal-Pulizija:

Sinjur,

Qiegħed niktiblek din l-ittra għan-nom tal-familja kollha biex biha nirringrazzja b'mod speċjali lilek Sur Cachia, lis-Sur Mifsud Tommasi, Uffiċjali u membri oħra tal-Korp speċjalment is-sezzjoni tat-traffiku li ħadet sehem fil-funeral u wriet simpatija fit-telfa tal-maħbub ibni ex-P.C. 278 Lawrence Long.

Nixtieq li din l-ittra tiġi ppubblikata fil-magażin tagħkom "Il-Pulizija" peress li jiena ma nhiex f'pożizzjoni li nibgħat nirringrazzja lil kulħadd individwalment.

# TIP TOP

FGURA, VALLETTA,
RABAT, MOSTA

- PORTABLE TV'S
- RADIOGRAMMES
- CALCULATORS
- RADIOS
- RADIO CASSETTES
- TAPE RECORDERS
- FANS
- AND LOTS MORE

# TIP TOP

*your first and last choice*



## Travel Insurance

AND FOR ALL OTHER CLASSES

National Employers' Mutual
We're here to protect you!

Jos Micallef (1919) Ltd. 34/11 Strait Street, Valetta. Tel: 27757



## Burglary Insurance

AND FOR ALL OTHER CLASSES

National Employers' Mutual
We're here to protect you!

Jos Micallef (1919) Ltd. 34/11 Strait Street, Valetta. Tel: 27757



## Household Insurance

AND FOR ALL OTHER CLASSES

National Employers' Mutual
We're here to protect you!

Jos Micallef (1919) Ltd. 34/11 Strait Street, Valetta. Tel: 27757

# IR-REBBIEHA Tal-Korsijiet tal-Lingwi.

BOSTA drabi tkellimna dwar l-istudju tal-lingwi minn membri tal-Korp. Kif sar fis-sena ta' qabel, hekk ukoll din is-sena saru l-'Lectures' għal dawk kollha interessati f'xi lingwa.

Fil-bidu tas-sena korrenti beda l-'course' fil-lingwa Taljana li spiċċa b'eżami bil-miktub, f'Ġunju. Bħala premju u fl-istess ħin ta' inkoraġġiment ingħata ċertifikat lil kull min attenda regolarment u 'Borsa di studio' f'Pisa l-Italja lil min ġie l-ewwel. Għal dan il-'lecture' attendew żewġ gruppi separati minn fost il-membri tal-Korp u minn dawn, P.S. 46 Spiridione Bugeja u P.C. 1346 Raymond Zammit kienu li rebħu l-'Borsa di Studio'.

Grupp ieħor ta' madwar għoxrin membru attendew il-'course' fil-lingwa Ġermaniża li beda f'Ottubru u ntemm f'Lulju din is-sena. P.C. 1265 Lino Bondin temm dan il-kors b'suċċess fl-ewwel post.

Madwar għoxrin membru ieħor attendew ukoll 'course' fil-lingwa Franċiża. Dan kien beda f'Diċembru u spiċċa din is-sena għal ħabta ta' Ġunju. L-aktar li mar tajjeb f'din il-lingwa kien P.C. 1392 Andrew Seychell. L-istudju ta' din il-lingwa daħal fit-tieni sena tiegħu minnufih li spiċċat l-ewwel waħda.

It-tieni sena ta' studju fit-Taljan se tkompli aktar tard din is-sena u t-tielet sena fil-Ġermaniż tissokta wkoll din is-sena.

Minn dan jidher x'interess qed juru numru sabiħ minn fost il-membri tal-korp iżda nistennew li fil-futur aktar membri ġodda jattendu wkoll. Aħna nawguraw u nifirħu lil dawk li marru tant tajjeb fl-istudju tagħhom u fl-istess ħin inħeġġu lil kull min hu interessat sabiex jagħmel ħiltu u b'hekk jimxi 'l quddiem ukoll.



P.C. R. ZAMMIT



P.C. A. SEYCHELL



P.C. L. BONDIN

## KONT TAF...?

QED NIDDEDIKA l-ispazju taħt dan it-titlu għal l-iskala tas-salarji tal-memori tal-Korp. Fil-ħarġa ta' Lulju, 1977 deheret skala tas-salarji tal-Pulizija u kienet, tista' tgħid, l-ewwel u l-unika waħda ppublikata (barra minn dik tal-iStaff List u l-Estimi).

Nibdew biż-żgħir: *Kuntistabbli*: Dan jibda b'salarju ta' £M1,218 fis-sena u jieħu increment ta' £M37 fis-sena u wara ħdax il-sena servizz is-salarju jitla' għal £M1,621 fis-sena.

*Surġent:* Is-salarju tas-Surġent ivarja bejn il-każ ta' wieħed u dak tal-ieħor. Jekk wieħed iħares lejn l-iskala tas-salarji li ssemmiet qabel (dik tal-ħarġa ta' Lulju 1977) jinnota li l-inqas salarju tas-Surġent (minimum salary) u anke dak ta' wara l-ewwel sena, huwa inqas mill-għola salarju tal-Kuntistabbli (Maximum salary). Dan mhux żbal kif ħasbu xi wħud. Kif ingħad qabel, is-Salarju tas-Surġent jiddependi mis-salarju ta' kemm kien ta' Kuntistabbli, jiġifieri jekk wieħed laħaq Surġent wara tlett snin mhux se jkollu l-istess salarju ta' ieħor li laħaq Surġent wara 10 snin servizz jew aktar. Mhux se nidħlu f'ħafna dettalji għaliex dan huwa daqsxejn ikkomplikat biex tispjegah, pero' se ngħidu biss li wara promuzzjoni, il-Kuntistabbli jiżdied żewġ increments f'daqqa.

L-iskala tas-Surġenti hija din: £M1,548 fis-sena b'żieda ta' £M48 fis-sena sa ma tilħaq £M1,780 fis-sena.

*Is-Surġent-Maġġur:* Dak li ntqal fil-każ tas-Surġent japplika għas-Surġent Maġġur, jiġifieri l-maximum tas-Surġent huwa iktar mill-minimum tas-Surġent Maġġur. Iżda malpromuzzjoni ta' Surġent-Maġġur, dawn jiżdiedu żewġ increments. Jekk nieħdu l-aħħar promuzzjonijiet tas-Surġenti-Maġġuri nsibu li dawn ġew mill-ewwel bl-għola salarju. L-iskala tas-Surġenti-Maġġuri hija: £M1,682 fis-sena b'żieda ta' £M49 fis-sena sa ma tilħaq £M1,878 fis-sena.

Is-Surġenti-Maġġuri ta' l-ewwel klassi għandhom din l-iskala: £M1,711 fis-sena b'żieda ta' £M61 fis-sena sa £M1,833 u wara b'żieda ta' £M62 fis-sena sa ma tilħaq £M1,976.

Spettur: £M2,033 fis-sena b' żieda ta' £M74 fis-sena sa ma tilħaq £M2,547.

*Suprintendent:* £M2,674 fis-sena b'żieda ta' £M86 fis-sena sa ma tilħaq £M3,016 fis-sena.

*Assistent Kummissarju:* £M3,273 fis-sena.

*Kummissarju*: £M3,751 fis-sena.

Dawn il-figuri li ssemmew jinkludu ż-żidiet ta' l-għoli tal-ħajja kollha.

### *A L L O W A N C E S*

L-allowances huma dawn:

*Extra duty pay*

Kuntistabbli: £M6 fix-xahar.
Surġent: £M7 " "
Surġent-Maġġur tat-tieni klassi £M8 fix-xahar.
Surġent-Maġġur ta' l-ewwel klassi £M10 fix-xahar.

Il-fizzjali ma għandhomx allowance tal-extra duty pay.

# ANCHOR

## MALTA'S FAVOURITE BUTTER

**Trade Enquiries:**

## CROWN COLD STORES LTD.

**(inc. J & L MUSCAT) — Telephone 35842**



*For your*
*Insurance Requirements*
**consult**

Guardian
Royal Exchange
Assurance Group

## THE OFFICE WITH A REPUTATION FOR SERVICE

# Paġna għan-Nisa

## IL-COLOURING SHAMPOOS

MINN CARMEN CALLEJA

F'Din il-ħarġa se ngħidilkom xi ħaġa dwar il-'colouring shampoos' u kif tapplikhom.

Illum il-'hair colouring' ma għadux jintuża biss minn dawk li jridu jiżbgħu x-xagħar abjad kif kien isir xi żmien ilu. Il-'hair colouring' shampoo qiegħed biex jagħti 'tone' jew 'life' lix-xagħar u ġie parti mill-'make-up' għaxxagħar.

Hawn ħafna kwalitajiet ta' 'colour shampoos'. Xi wħud minnhom huma f'għamla ta' cream u oħrajn likwidi. Il-'cream colour' huwa iżjed faċli biex tapplikah, speċjalment għal dawk li sejrin jippruvawh għall-ewwel darba. L-iżvantaġġ tal-likwidu huwa li jista' jċarċar mal-wiċċ jekk ma toqgħodx attenta.

*K U L U R*

Dejjem għandek tieħu kulur iżjed ċar minn xagħrek biex ikollok dik id-daqsxejn kulur differenti mis-soltu. Jekk ngħidu aħna, għandek xagħar kannella, għażel kulur fuq l-aħmar u jkollok riżultati tajbin mill-ewwel. Aktar ma jgħaddi ż-żmien u tkompli tapplika dan il-kulur, dan joħroġ tassew sabiħ.

Għal dawk li jixtiequ xi ħaġa iżjed ċara jridu joqogħdu attenti għaliex jiddependi mit-tip ta' xagħarhom għar-raġuni li l-kuluri ċ-ċari ma tantx jieħdu fuq ix-xagħar skur u jagħtu biss dak ix-'shine'. Dan qed ngħidu dejjem għal 'colour shampoo' għaliex imbagħad hemm iż-żebgħa li tagħtik il-kulur li trid, iżda din aħjar inħalluha għall-'hairdresser' u ma tintrigawx biha intom għaliex din trid tuża magħha ċertu ammont ta' peroxide u jekk ma tagħmlux l-ammont meħtieġ, il-kulur ma jirnexxix sewwa. Barra minn dan tistgħu tagħmlu ħsara lill-ġilda wkoll u għalhekk ma jaqbilx li nisperementaw biż-żebgħa għaliex din trid attenzjoni u sengħa.

Għal dawk li għandhom ix-xagħar abjad, il-kuluri skuri dejjem jagħtu sodisfazzjon billi jgħattu l-abjad sewwa.

*Kif tużhom*

Qabel tibda biex tuża l- colour shampoo' dejjem għandek taqra l-istruzzjonijiet sewwa u tħarishom. Ġeneralment tkun trid l-ewwel taħsel rasek bix-shampoo tas-soltu u tixxottha sewwa li tkun niedja (towel dry). Wara trid titfa' l-kulur f' reċipjent (li dejjem għandek tuża għal dan il-għan). Ħafna mill-'cream shampoos' ikollhom xi pilloli jew pakkett bit-trab, dan huwa peroxide u tridu tużawh skond l-istruzzjonijiet li jkollkom għaliex jekk ma tagħmilx hekk ma jkollokx riżultati tajbin. Wara li tkunu ħawwadtu l-kulur sewwa, applikawh mar-ras kollha u ħalluh għal madwar 20 minuta. Wara ippetnaw ix-xagħar kollu biex b'hekk tkunu ċerti li l-kulur ipenetra kullimkien u ħalluh 10 minuti oħra. Wara laħalħu xagħarkom sakemm taraw l-ilma ċar u nadif.

Nispera li dan it-tagħrif jiswielkom ta' **ġid**.

---

IS-SISTEMA METRIKA FIL-KĊINA

| *Użin Malti* | *Grammi* |
|---|---|
| Nofs in-nofs kwart | 50 |
| Nofs kwart | 100 |
| Kwart | 200 |
| Kwart u nofs | 300 |
| Nofs Ratal | 400 |
| Tlett Kwarti ta' Ratal | 600 |
| Nofs Ratal u nofs kwart | 500 |
| Ratal | 800 |
| Ratal u Kwart | 1000 (1 kg) |
| Nofs Wiżna | 2000 (2 kg) |
| Wiżna | 4000 (4 kg) |
| Qantar | 80,000 (80 kg) |

| *Użin Ingliż* | |
|---|---|
| 1 oz. | 28 g |
| 2 ozs. | 57 g |
| 3 ozs. | 85 g |
| 4 ozs. | 113 g |
| 6 ozs. | 170 g |
| 8 ozs. | 227 g |
| 12 ozs. | 340 g |
| 16 ozs. (I lb.) | 453 g |

---

# A PIZZA FOR THE HUNGRY POLICEMAN

*TOPPING*

28 g butter; 1 onion (chopped); 1 clove garlic, optional, finely chopper or pressed; 227 g tomatoes — skinned and chopped, pinch mixed herbs; 1 tablespoon chopped parsley; 1 teaspoon made mustard, salt and pepper; 85 g strong Cheddar cheese (sliced) and 6 anchovy fillets.

*SCONE DOUGH*

170 g self-raising flour; ½ teaspoon salt; ½ teaspoon dry mustard, 42 g butter; 57 g grated Cheddar cheese, ¼ pint milk.

Melt butter, fry onion and garlic. Remove from heat, add tomatoes, mixed herbs, parsley, mustard and seasoning.

Sieve together flour, salt and mustard and rub in butter. Add cheese and bind together with milk. Roll out a circle ( the size of a plate) lift on to a greased baking sheet. Spread tomato mixture on dough.

---



L-gharusa riedet tieg b'hafna mistednin u l-gharus ma riedx.

Ta' min tahsbu li ghaddiet?

**Better Shop at:**

# CLAVIS

7, Republic Str., Valletta Tel: 626869
41, Tower Road, Sliema Tel: 35920

## CLAVIS GEMS

6, Freedom Sq., Valletta Tel: 23191
Hilton Hotel Foyer Tel: 36201
Grand Hotel Verdala Tel: 674901
Grand Hotel Excelsior Tel: 623661

## MELBA GIFTS

292, Republic Str., Vall Tel: 27435

## CROWN JEWELLERS

161, Britannia Str., Vall. Tel: 626869

## VALLETTA JEWELLERY

24, Freedom Sq., Vall. Tel: 23929

Specialising in
ENGAGEMENT RINGS AND
WEDDING RINGS
LARGE STOCKS OF E.P.N.S.
HAND-CUT BOHEMIAN
AND GERMAN CRYSTAL

# BRITANNIA RESTAURANT

3, St. Lucia Street, Valletta

Unique for the best

- PASTA
- STEAKS
- LASAGNE

Enjoy exclusive atmosphere of
under-ground restaurant at the

## BRITANNIA

QUICK SERVICE
POPULAR PRICES

# CAFE' PREMIER

QUEEN'S SQUARE
VALLETTA

Well known for the most

- Delicious Confectionery,
- Pastries and
- Refreshments.

*Cafe' Premier*

*the one and only Open Air Cafe'
in Valletta, enjoying unique reputation
of an elite rendezvous for many years*

## POLICE CROSSWORD NO. 2



*Rigal ta'* **Hamper Imbid** *jingħata lil min jitla' bix-xorti fost dawk li jibagħtu soluzzjoni tajba. Indirizzaw hekk:—*
*"IL-PULIZIJA",*
*c/o Malta Police Association Office,*
*Police Headquarters, Floriana.*

*Mimdudin:—*

1 Ħaxix li fihom ġurdien xiħ jinsab maqlub (6)
5 Sib il-kelma nieqsa f'dan il-qawl: "Sargu xiħ jinqabad b'——— jinten" (6)
8 Wieħed li jgħin fil-korp tal-pulizija (8)
9 Meta dan jintaħan isir intrita (4)
10 Mill-weraq tiegħu issir kuruna bħala għelm ta' rebħa jew ta' ta' kobor fil-poeżija (4)
13 Ġarra kbira għall inbid (5)
14 Żifna antika (5)
19 Is-sieħeb ta' Oliver f'films tad-daħk li jiġġennen għalihom kulħadd (4)
20 Tnaqqis 'il-prezz (4)
21 Wieħed jgħaddihom b'sinjal ta' kritika (8)
22 Ħuta għax-xiwi (6)
23 Wieħed jgħidha meta jixrob bis-saħħa ta' ħaddieħor (6)

*Weqfin:—*

2 Dan ifforma parti mill iskwadra Taljana fil-kompetizzjoni tat-Tazza tad-Dinja ġewwa l-Arġentina (7, 7)
3 Espressjoni jew għaqda ta' żewġ kelmiet jew iżjed (5)
4 Jagħmilha dak li jġorr ġewlaq u qasba ħdejn il-baħar (5)
5 Fi stat imminenti li jitlef ħajtu (5)
6 Kejl Franċiż ta' ftit iżjed minn 39 pulzier (5)
7 Il President Russu (6 8)
11 u 12 Dehra immaġinarja jew qarrieqa ta' nies mejta jew li jgħixu fil-bogħod (8)
12 Ara 11
15 X'għandu Pankrazju biex ikun jista' jsor'i? (5)
16 Il-vapur tad-deżert (5)
17 Il-poeta tad-"Divina Commedia" (5)
18 Annimali tal foresta li l-ġild tagħhom jikkunzawh (5)

# Mill-Imgħoddi



F'din il-ħarġa qed nirriproduċu ritratt tal-funeral tal-Kuntistabbli Joseph Maggi (Nru. 423) li miet fis-17 ta' April 1948.

Quddiem jidher Carmelo Brincat, is-Surmast tal-Banda tal-Pulizija li l-aħħar darba li daqqet f'funeral kien f'dak tal-Kuntistabbli Galea (ix-Xilejxu) fil-ħamsinijiet.

Funeral ieħor, mingħajr banda iżda sabieħ kien dak tas-Suprintendent R. Rizzo Bamber fl-1970. Li kellu jsebbħu dan il-funeral kienet l-attendenza ta' bosta membri tal-Korp u tas-Servizzi Ingliżi.

Jiddispjaċini ngħid li kien hemm okkażjonijet meta mietu membri tal-Korp u l-Pulizija setgħat ħadet sehem attiv f'funerali bħal dawn. Kellna wkoll ċerti tradizzjonijiet li tlifnihom u nagħmlu ħażin inkomplu nitilfuhom.